MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.
## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 95/2012

Bella **Claudia Nicoletta Cassar**

**Vs**

**Anthony Cassar; Angerton Enterprises; u Town House Limited**

Il-Qorti,

Rat li r-rikors guramentat jaqra hekk:

1. L-esponenti kienet mizzewga lill-konvenut Anthony Cassar izda imbaghad isseparaw b'kuntratt ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi, kopja ta' liema qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument BC1";

2. Permezz ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenut Anthony Cassar – fost affarijiet ohra – obbliga ruhu li jhallas lill-esponenti somma kapitali, il-manteniment kif ukoll l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni. Il-konvenut Anthony Cassar intrabat ukoll li fin-nuqqas li jhallas lill-esponenti fil-hin, tibda tiddekorri penali kontra tieghu ta' elf Euro (€1,000) ghal kull jum ta' dewmien b'dana però illi l-imsemmija penali ghandha tigi kkalkulata mit-tielet jum mill-jum li fih kellu jsir il-hlas relattiv;

3. Il-kumpanniji konvenuti Angerton Enterprises Limited u Town House Limited iggarantew *in solidum* mal-konvenut l-obbligi tieghu nkluz l-obbligu tal-hlas tal-penali fuq l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

4. L-esponenti kienet gjà ipprocediet kontra l-konvenut permezz tar-rikors mahluf bin-numru 7/2011/AE fl-ismijiet "Bella Claudia Nicoletta Cassar v. Anthony Cassar et" sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha l-penali dovuta lilha skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni billi l-konvenut Anthony Cassar ma kienx qieghed jonora l-obbligi assunti minnu. Dik il-kawza kienet giet tranzatta wara illi l-esponenti kienet kisbet il-hrug ta' mandat ta' qbid kontra l-konvenuti li wassal ghall-gheluq tan-negozju taghhom. Gie ppubblikat kuntratt ta' transazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu nhar it-3 ta' Diċembru, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Schembri, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument BC2", permezz ta' liema sar pagament in parte, l-esponenti kkoncediet aktar zmien ghal xi obbligi assunti u gie miftiehem illi xejn f'dak il-ftehim ma kellu jinftiehem bhala novazzjoni;

5. Minkejja dan kollu, il-konvenut rega' qieghed jonqos milli jaghmel diversi pagamenti tas-somma kapitali dovuta minnu, ta' manteniment u ta' l-imsemmija spejjez ta' edukazzjoni. B'mod partikolari, ghal dak li jirrigwarda spejjez ta' edukazzjoni ghad hemm bilanc dovut u ghal dak li jirrigwarda manteniment l-ahhar pagament kien dak ta' April ta' din is-sena. Tabilhaqq, l-impressjoni li jaghti l-konvenut Anthony Cassar huwa li jiffirma x'jiffirma xejn ma jiswa' ghalih u jibqa' jaghmel li jrid bi ksur sfaccat ta' l-obbligi kuntrattwali;

6. Il-konvenuti gew interpellati jhallsu dak dovut minnhom izda baqghu nadempjenti;

7. Ghalhekk kellha tigi pprezentata din il-kawza;

8. Dawn il-fatti l-esponenti tafhom personalment;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, l-attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti naqsu milli jwettqu l-obbligi kuntrattwali taghhom fil-konfront ta' l-esponenti skond il-kuntatt ta' separazzjoni ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi u skont il-kuntratt ta' transazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Schembri;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma responsabbli li jhallsu lill-esponenti l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u manteniment, tillikwida l-ammont rapprezentanti l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u manteniment illi huma dovuti lill-esponenti u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata lill-esponenti;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi stante n-nuqqas tal-konvenuti milli jwettqu l-obbligi kuntrattwali taghhom fil-konfront ta' l-esponenti skont il-kuntatt ta' separazzjoni ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi u skont il-kuntratt ta' transazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Schembri hija dovuta penali ta' elf Euro (€1,000) ghal kull jum u ghal kull nuqqas mill-konvenuta lill-esponenti;

4. Tillikwida l-penali dovuta mill-konvenuti lill-esponenti;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-esponenti s-somma hekk likwidata ai termini tat-talba precedenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess ingunti in subizzjoni u b'rizerva illi l-esponenti tipprocedi konta l-konvenuti ghal kull penali ohra li tista' tkun dovuta in konnessjoni ma' l-obbligi l-ohra assunti mill-konvenuti.

Illi l-konvenuti prezentaw risposta guramentata izda peress li kienet tardina din giet sfilzata.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti li saret a tenur ta' l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 u n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghdha titlob dikjarazzjoni li l-konvenuti naqsu li jwettqu l-obbligu kuntrattwali taghhom; li jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u manteniment; kif ukoll il-hlas tal-penali.

Qabel ma din il-qorti titratta t-talbiet attrici jehtieg li jigu sorvolati xi punti procedurali li gew issollevati mal-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.

1. **Talba ghal sfilz tan-nota ta'sottomissjonijiet tal-konvenuti**

Illi l-attrici sostniet li n-nota ta'sottomissjonijiet tal-konvenuti ghandha tigi sfilzata ghaliex giet ipprezentata mill-avukat taghhom, giet iffirmata minnu biss u m'hemmx firma ta' prokuratur legali. Hija rreferiet ghall-artikolu 180 tal-Kap 12 u sostniet li ladarba din il-Qorti hija Qorti superjuri n-nota jew kellha tigi prezentata mill-parti nnifisha jew mill-prokuratur legali.

Ghal tali sottomissjoni din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Gianni Attard vs Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and PhytoSanitary Regulation**[1]

*"8. L-artikoli tal-ligi relevanti huma l-art. 4, li jghid illi l- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hija qorti inferjuri, l-art. 50(2), li jghid illi dik il-qorti ghandha zewg attribuzzjonijiet, wahda inferjuri u wahda superjuri, l-art. 53, li jghid illi "ghal dawk li huma kawzi li jidhlu fil-kompetenza superjuri tal-Qrati tal-Magistrati (Ghawdex), jghoddu d-disposizzjonijiet dwar il-qrati superjuri" u l-art. 180(1)(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jghid illi "l-prezentata tal-iskritturi tista' ssir minn avukat, jekk l-iskrittura ghandha tigi pprezentata f'wahda mill-qrati inferjuri".*

[1] App Civ Nru: 114/2012 deciza fit-28 ta' Gunju 2013

*9. L-argument tal-attur huwa msejjes x'aktarx fuq l-art. 53: jghid l-attur illi fost id-disposizzjonijiet dwar il-qrati superjuri li jghoddu ghall-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hemm dik tal-art. 180(1)(f) illi jghid illi l-prezentata tista' ssir minn avukat quddiem il-qrati inferjuri; a contrario, mela, il-prezentata ma tistax issir minn avukat quddiem il-qrati superjuri illi d-disposizzjonijiet dwarhom jghoddu ghall-qorti ta' Ghawdex.*

*10. L-art. 53 izda ma jghidx illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-attribuzzjoni superjuri taghha titqies, ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi, bhala qorti superjuri; jghid biss illi jghoddu ghaliha d-disposizzjonijiet dwar il-qrati superjuri. Madankollu, xorta tibqa' qorti inferjuri, u, bhala qorti inferjuri, tibqa' qorti illi quddiemha l-prezentata tal-iskritturi tista' validament issir ukoll minn avukat."*

Din il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' tali insenjament u ghaldaqstant l-ilment attrici huwa wiehed infondat.

**2. <u>Nullita' tal-azzjoni minhabba zball fil-kunjom tal-attrici</u>**

Illi l-konvenuti ssottomettew li fil-kuntratt ta' separazzjoni l-attrici ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u ghaldaqstant l-azzjoni hija nulla stante li wzat il-kunjom Cassar.

Jinghad mill-ewwel li din hija eccezzjoni u mhux permess lil din il-Qorti titratta eccezzjonijiet li jigu sollevati f'nota ta' sottomissjonijiet aktar u aktar meta tali nota giet prezentata a tenur ta' l-artikolu 158(10) tal-Kap 12.

Madankollu jinghad li ghalkemm huwa minnu li fil-kuntratt ta' separazzjoni hija ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubitha jirrizulta li hija baqghet maghrufa bil-kunjom Cassar. M'hemmx dubju dwar l-identita' ta' l-attrici u n-numru tal-karta ta' l-identita' huwa l-istess u anki fuq il-karta ta' l-identita' ghadha tidher bil-kunjom Cassar. Fi kwalunkwe kaz xorta dan kollu ma jwassalx ghal nullita' ghaliex kieku stess taht l-artikolu 175 tal-Kap 12 kwistjoni bhal din tista' tigi korretta. Pero' f'dan il-kaz din il-qorti ma tara l-ebda htiega li dan isir.

**3. <u>Mertu</u>**

Il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni fil-qosor hafna huma:

- Bella Claudia Nicoletta Cassar u Anthony Cassar li kienu mizzewgin u ghandhom tlett itfal li llum huma lkoll maggorenni, kienu waslu ghal separazzjoni bonarja u ghal dan il-ghan iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fil-21 ta' Novembru 2009 li fih kien hemm stipulati diversi klawzoli fosthom li Anthony Cassar obbliga ruhu li jhallas lil Bella Claudia Nicoletta Cassar manteniment ghat-tfal minuri u spejjez ta' l-edukazzjoni; kif ukoll diversi klawzoli ohra fosthom somma kapitali a favur taghha kif ukoll li huwa jirrilaxxa l-proprjeta' li kienet giet assenjata lilha minn kull ipoteka jew privilegg jew piz iehor.

- F'dan il-kuntratt ta' separazzjoni, is-socjetajiet Angerton Enterprises Limited u Town House Limited ikkostitwew ruhhom garanti solidali flimkien ma' Anthony Cassar a favur ta' Bella Claudia Nicoletta Cassar u kkostitwew ipoteki specjali favur taghha.

- Inqalghu diversi kwistjonijiet bejn il-partijiet li taw lok li jigu ntavolati ittri ufficcjali biex jirrendu ezekuttiv l-istess kuntratt, kawzi kif ukoll mandati ezekuttivi. Eventwalment, fit-3 ta' Dicembru 2011 in atti Nutar Dottor Abigail Schembri giet ippubblikata t-tranzazzjoni bejn il-partijiet u kostituzzjoni ta' debitu. F'dan il-kuntratt fit-tieni klawzola tieghu gie dikjarat hekk:

  *"Anthony Cassar, Angerton Enterprises Limited, Town House Limited and Cassar Weaving Limited hereby acknowledge that they are true, certain, and liquid debtors in favour of Bella Cassar who accepts in the amount of €275,000".*

  Gie spjegat din is-somma ghaliex kienet dovuta. Mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt Bella Claudia Nicoletta Cassar thallset €30,000 u s-somma ta' €20,000 kellha tithallas mill-bejgh tal-oggetti tad-deheb li kienu nqabdu bil-mandat ta' qbid. Fl-istess kuntratt gew miftehma l-modalitajiet ta' kif kien se jsir il-hlas tal-kumplament ta' l-ammont dovut ossija gie stipulat is-segwenti:

  *"the remaining balance of €225,000 shall be paid by Anthony Cassar, Angerton Enterprises Limited, Town House Limited and Cassar Weaving Limited, jointly and severally between the, to Bella Claudia Nicoletta Cassar, who accepts, by forty-five (45) monthly payments in the amount of five thousand euro (€5,000) each, the first payment falling due on the first day of December of the year 2011 (1.12.2011), subsequent payments shall fall due and are to be made on the first day of each and every subsequent month until the remaining balance is settled in full".*

- Fil-klawzola numru 3, il-kontraenti ftehmu li fil-kaz li Anthony Cassar, Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited jonoraw l-obbligi ta' hlas Bella Claudia Nicoletta Cassar ma kellhiex tipprocedi ghall-ezekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi li hija kienet diga' ottjeniet permezz tal-erba' (4) ittri ufficcjali fuq imsemija. Gie nfatti stipulat fil-kuntratt li :

  *"In the event, however, that the said Anthony Cassar, Angerton Enterprises Limited, Town House Limited and Cassar Weaving Limited are in default of any one payment as it falls due, then Bella Claudia Nicoletta Cassar shall be entitled to execute the executive titles mentioned above for the full amount which would be due, together with legal interest, without the necessity of any notice, judicial or otherwise. "*

- Importanti wkoll li jigi nnutat li fl-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fil-klawsola numru hmistax (15) gie stipulat li dan il-kuntratt ma kellu bl-ebda mod jigi nterpretat bhala novazzjoni.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti jsostnu li l-kuntratt ta' separazzjoni kif ukoll il-kuntratt ta' transazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu gew ippubblikati wara li l-attrici ezercitat theddid u pressjoni. Ghar-rigward tal-kuntratt ta' separazzjoni jallegaw li hedditu li jekk Anthony Cassar ma jiffirmax u ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet imposti fl-istess kuntratt kienet se tipprocedi kriminalment kontra Annabelle Camilleri Monreal (is-siehba tieghu). Dan l-episodju jissemma' wkoll mill-attrici fl-affidavit taghha izda bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jista' jwassal ghall-konkluzjoni li l-kuntratt gie ffirmat taht theddid.

Ghar-rigward tal-kuntratt ta' transazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu, il-konvenuti jsostnu li dan gie ffirmat wara li l-attrici pprocediet b'mandati ta' qbid kontra l-kumpaniji u geghlet lil Anthony Cassar joqghod ghall-kundizzjonijiet uzurarji biex tilliberah minn dawn il-mandati li kienu qeghdin johonqulu n-negozju. Ghalkemm huwa minnu li l-attrici kienet ipprezentat mandat ezekuttivi dawn kienu saru ghaliex dak dovut mill-konvenuti ma kienx thallas minnhom.

Il-konvenuti jsostnu wkoll li huwa evidenti li l-beneficjarja netta tal-kuntratt ta' separazzjoni kienet l-attrici u kien ovvju li Anthony Cassar ma kienx se jlahhaq mad-djun kollha li kellu, u mad-dejn il-gdid li gie mahluq bil-kuntratt ta' separazzjoni. Ikomplu wkoll li peress li effettivament ma lahhaqx mad-djun kellu jigi mgieghel jidhol fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn isostni li d-dejn ma' martu gie mizjud b'mod goff, u gew imposti kundizzjonijiet godda li komplew ixekkluh fin-negozju tieghu.

Dwar dawn is-sottomissjonijiet, din il-Qorti tibda biex tirrimarka li kull ftehim ghandu favur tieghu l-presunzjoni tas-sincerita', tar-realta' u tal-legalita'. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **De Giorgio vs Savona et**[2] fejn inghad li *"l-ezercizzju ta' dritt jew anke l-pretensjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji bl-ebda mod ma' jista' jitqies bhala element kostituttiv ta' vjolenza morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti, kreditur ikun pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitur ma jistax javvanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta' l-ezercizzju ta' dak id-dritt kien tant serju li seta' jigi kkwalifikat bhala xi forma ta' vjolenza morali fuqu. Fejn dan id-dritt hu biss pretiz, u anke jekk jirrizulta eventwalment infondat, id-debitur ghandu dejjem a disposizzjoni tieghu rimedji legali biex jikkontrasta l-pretensjoni tal-kreditur li jidhirlu li hi ingusta. Tali opportunita` ta' difiza gudizzjarja effettiva tinnewtralizza kull forma ta' vjolenza u d-debitur ma ghandu l-ebda jedd li jcedi ghall-pretensjoni allegatament ingusta tal-kreditur bil-hsieb li javvanza l-iskuzanti tal-vjolenza morali fi stadju iehor. Fil-kaz in dizamina huwa rilevanti wkoll illi l-konvenuti hallsu tlett pagamenti tar-ripagament wara l-iffirmar tal-iskrittura. Hu allura car illi kull darba li sar pagament, il-konvenuti kienu qed jirratifikaw l-iskrittura minnhom iffirmata u jgibu fix-xejn l-eccezzjoni taghhom li l-kunsens taghhom kien ivvizzjat kif minnhom allegat."*

Jehtieg issa li l-Qorti tezamina l-mertu proprju ta' dawn il-proceduri.

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-Qorti ma taqbilx li t-talbiet attrici mhumiex cari u li hija naqset milli tispecifika xi trid.

L-attrici rnexxilha wkoll tipprova l-ksur ta' l-obbligi kuntrattwali assunti mill-konvenuti fil-konfront taghha:

(a) in-nuqqas ta' hlas tad-dejn dovut lill-kumpanija bankarja APS Bank Limited, liema dejn kien gie assunt mill-konvenuti. Dan jirrizulta kemm mill-affidavit tal-attrici kif ukoll mix-xhieda ta' Josianne Gauci[3], Manager fid-dipartiment tar-recoveries tal-istess bank, li spjegat li kien ittiehed self fis-sena 2006 li kellu jithallas sas-sena 2010. Il-Bank kellu jiehu procedure kontra Anthony u Bella Cassar inkluz subasta, u ghalkemm allura parti mid-dejn thallas sad-data meta xehdet kien ghad fadal bilanc ta' €87,676.

(b) In-nuqqas ta' hlas ta' manteniment ta' iben l-attrici u l-konvenut, Nicholas Cassar, jirrizulta mix-xhieda ta' l-attrici. Hawnhekk issir referenza ghall-klawzola sbatax (17)(b)(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni li tistipula li *"in order to assist the wife in the maintenance and schooling of the minor children the husband obliges himself to contribute in the following manner:(i) The husband agrees to pay to the wife, for and on behalf of the two minor children, a contribution of four hundred and*

[2] Cit Nru: 1713/2000RCP deciza fis-26 ta' April, 2012
[3] Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

*fifty Euro (€450) per month in advance for each child until each reaches eighteen (18) years of age. This contribution shall cease automatically when each child reaches the age of eighteen (18) years".* Illum il-gurnata t-tfal ta' l-attrici u l-konvenut huma kollha maggorenni. L-attrici qeghda tfittex lill-konvenuti ghall-manteniment ta' Nicholas. Jirrizulta li l-ahhar pagament li sar kien f'April 2012 u Nicholas ghalaq tmintax-il sena fis-17 ta' Jannar 2013. Ghalhekk hemm dovut l-ammont ta' €4,050.

(c) Ma baghux jithallsu il-pagamenti mensili tas-somma kapitali dovuta lilha ai termini tal-kuntratt tat-3 ta' Dicembru 2011. Hawnhekk issir referenza ghall-klawzola numru 2 ta' l-istess kuntratt li diga' saret referenza ghaliha aktar 'il fuq. L-attrici xehdet li hija rceviet pagament mal-iffirmar tal-kuntratt. Wara bdiet tircievi €5,000 kif miftiehem fit-tieni klawzola sa' Mejju 2012. Il-pagament ta' Gunju thallas tard hafna u kien hemm ammont zghir dovut li ma thallasx. Minn Lulju 2012 ma thallas xejn aktar u l-kawza giet prezentata fis-16 ta' Ottubru 2012.

L-Avukat William Cuschieri[4] xehed li n-nuqqas ta' pagamenti li kellha tircievi l-attrici beda f'Lulju 2012. Fil-31 ta' Lulju 2012 huwa ircieva sms li kien minn Annabelle Camilleri Monreal (il-pagament kien diga' 16-il gurnata tard) li kien sar pagament izda ma kienx sar meta huwa stess ivverifika[5]. L-ghada cioe' fl-1 ta' Awwissu 2012 ircieva sms iehor li kien se jsir il-pagament izda l-attrici ma rceviet l-ebda flus.

Giovanna DeBattista[6], in rapprezentanza tal-Banif Bank Malta plc, xehdet dwar kont intestat fuq isem l-attrici u li fih kienu qeghdin isiru depoziti. L-ahhar depozitu sar fl-20 ta' Settembru 2012 minghand Anthony Cassar. Wara din id-data ma sarux aktar depoziti ta' flus. Il-pagament kien ta' €500 u nkiteb 'Pagament ta' Settembru'.

Oltre' dan jinghad li l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom lanqas ma jikkontestaw din l-allegazzjoni.

(d) In-nuqqas li Anthony Cassar ihallas l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni u l-iskola tat-tifel Nicholas ukoll gie ppruvat kemm mix-xhieda ta' l-attrici kif ukoll mix-xhieda ta' Sandro Bruno[7]. Dan ta' l-ahhar huwa financial controller ta' St Edwards College fejn kienu jattendu skola t-tfal ta' l-attrici u l-konvenut. Huwa xehed li l-kullegg kellu hafna problemi biex jigbru l-flus minghand Anthony

[4] Seduta tas-6 ta' Gunju 2013 a fol 73 tal-process
[5] Dok WC1 a fol 147 tal-process
[6] Seduta tas-6 ta' Gunju 2013 a fol 70 tal-process
[7] Seduta tas-6 ta' Gunju 2013 a fol 58 tal-process

Cassar tant li b'referenza ghal Nicholas kien se jispicca mkecci minhabba din il-problema. Kien hemm sahansitra cekkijiet ta' Anthony Cassar li bbounsjaw[8] u Bella Cassar kellha thallas il-mizati hija. Infatti sar ftehim maghha biex thallas ammont sostanzjali.

Mid-diversa korrispondenza ezebita[9] jirrizulta car in-nuqqas ta' Anthony Cassar li josserva l-obbligu kuntrattwali stipulata fil-klawzola numru 17(b)(iii) tal-kuntratt ta' separazzjoni li tistipula *"Until each minor reaches the age of eighteen (18) years, all major educational expenses, including school fees, uniforms, schoolbooks, examinations expenses, shall be solely borne by the husband who accepts"*. Ghalhekk il-konvenuti ghandhom ihallsu l-ammont ta' €4,500.

**4. <u>Penali</u>**

Illi l-attrici qeghda titlob ukoll il-penali u dan abbazi tal-klawzola numru 18 tal-kuntratt ta' separazzjoni li jistipula li *"The parties agree that all payments due by the husband to the wife on this deed shall be deposited by the husband in Account number……..held with Banif Bank in the wife's name, and this within the relative stipulated periods of time in which each payment falls due, and this under a penalty of one thousand Euro (€1,000) per day per default. It is hereby being declared that the penalties stipulated in this deed shall start running when the defaulting party is so in default for more than forty-eight hours, that is exactly at midnight of the third (3rd) day".*

Illi l-attrici qeghdha tippretendi li ghal kull nuqqas tithallas penali ta' €1,000 kuljum u mid-dokument imhejji minnha u anness ma' l-affidavit taghha jirrizulta li hija qeghdha tippretendi l-ammont ta' €5,506,000.

Illi l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isostnu li tali penali huma forma ta' uzura peress illi l-elf euro ghal kull gurnata jmorru ferm oltre' l-interessi legali fuq is-somma dovuta. Isostnu wkoll li kien rizultat ta' l-azzjonijiet attrici li huma gew fl-impossibilita' li jhallsu dak dovut minnhom minhabba hrug ta' mandati fil-konfront taghhom.

B'referenza ghal dan l-ahhar punt imsemmi mill-konvenuti jirrizulta li l-pagamenti li kienu qeghdin isiru waqfu qabel ma' l-attrici pprocediet bil-hrug tal-mandati.

[8] A fol 134, 137 u 138
[9] A fol 135 u 139 per ezempju

Il-konvenuti jsemmu wkoll li l-penali mitluba mill-attrici hija dovuta ghal nuqqas li d-dar 'Casa Bella', Triq Masri,Xaghra, Ghawdex tigi mnaddfa mid-djun u ipoteki u ghalhekk ebda penali ma hija dovuta billi huma nghataw sa' nhar it-3 ta' Dicembru 2013 sabiex jilliberaw d-dar assenjata lilha mid-djun. F'din il-kawza pero' l-attrici ma allegatx nuqqas da parti tal-konvenuti li jnaddfu lid-dar assenjata lilha mid-djun u l-ipoteki izda nuqqasijiet ohra u kwindi tali sottomissjoni hija rrelevanti.

Imiss issa li jigi trattat il-punt dwar jekk il-penali pretiza u miftehma fil-kuntratt ta' separazzjoni tikkostitwixxix o meno forma ta' uzura. L-attrici tirribatti tali sottomissjoni billi tghid (i) li ghandu japplika l-principju ta' *pacta sunt servanda*; (ii) il-kuntratt ta' separazzjoni li huwa l-kuntratt li jistipula l-penali mitluba gie awtorizzat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta u kwindi targumenta li anki l-penali giet awtorizzata; (iii) jekk il-konvenuti dehrilhom li huma vittmi ta' uzura messhom mexxew b'istanza biex jimpunjaw il-kuntratt inkwistjoni; (iv) il-penali hi li hi biex apparti milli sservi ta' deterrent u ta' incentiva ghat-twettiq ta' l-obbligi tal-konvenuti, il-kuntratt ta' separazzjoni jimponi obbligi pezanti fuqha ghax hija baqghet imghobbija bid-djun u r-responsabilita' tal-familja; (v) il-konvenuti ma gabux prova ta' kaz fortuwitu jew ta' forza magguri jew ta' xi raguni li tezenathom milli jhallsu l-penali; (vi) id-disposizzjoni tal-ligi indikati mill-konvenuti jirrigwardaw imghax u mhux klawzoli penali; (vii) jekk il-Qorti tezenta lill-konvenuti mill-hlas tal-penali l-messagg huwa li bniedem jista' jiffirma kuntratt u ma josservahx u l-Qorti ttih refugju.

Jibda biex jinghad li m'hemmx dubju li d-disposizzjoni tal-ligi ndikati mill-konvenuti huma ta' imghax u mhux klawzoli penali. Imposizzjoni ta' imghax u klawzola penali huma distinti minn xulxin. Uzura hija maghrufa li tissussisti meta jigu mitlub jew impost imghax oltre' dak permess mil-ligi. Madankollu, dan ma jfissirx li din il-Qorti ghandha tiskarta tali ilment facilment. D'altronde imposizzjoni ta' uzura hija projbita mil-ligi u hija kwistjoni ta' ordni pubbliku sollevabbli anki mill-Qorti *ex officio.* F'dan il-kaz partikolari huwa evidenti *ictu oculi* li l-penali imposta hija wahda ferm ezagerata. Dak li jkompli jsahhah il-fehma ta' din il-Qorti dwar dan huwa l-fatt li l-penali imposta ta' €1,000 kuljum hija ghal kull inadempjenza kuntrattwali. L-eccessivita' ta' tali penali tirrizulta mill-fatt biss li n-nuqqas tal-konvenut Anthony Cassar li jhallas l-ammont ta' €4,050 rapprezentanti manteniment ghat-tifel u l-ammont ta' €4,500 rapprezentanti hlas ta' spejjez u edukazzjoni ghall-istess minuri l-attrici qeghdha titlob ftit aktar minn hames miljun Ewro in linea ta' penali.

*Referenza ssir hawnhekk ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et***[10]**.** Permezz ta' din il-kawza l-atturi kienu qeghdin jitolbu l-hlas ta' penali ghal dewmien fit-tlestija tal-partijiet komuni fi blokk ta' appartamenti fejn l-atturi xtraw tlett appartamenti minghand il-konvenuti, liema penali giet pattwita fil-kuntratt ta' xiri f'kaz ta' dewmien. F'din is-sentenza,li giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Frar, 2011, inghad:

[10] Cit Nru: 129/2006AE deciza fil-31 ta' Lulju, 2008

*"Interessanti dak li nghad fi studju li ghamlet Scottish Law Commission, Discussion Paper on Penalty Clauses (Dicembru 1997)*[11]*:*

1.9 More recently there has been an element of convergence. The common law distinction between penalties and liquidated damages can be used in a flexible way to allow recovery of many sums which the parties have agreed should be payable in the event of non-performance. French law now allows the courts to modify contractual penalties.[24] Other countries within the civil law tradition often adopt a similar intermediate approach.

> "In Germany, a distinction is drawn between the Civil Code and the Commercial Code. Whereas the latter enacts the `efficient model' [i.e. penalties fully enforceable] (section 348), BGB section 343 states that `if a penalty is disproportionately high the Court may, upon the obligor's request, reduce it to an appropriate amount.'
>
> Article 161 of the Swiss Code of obligations clearly states:`The forfeited penalty may be recovered even though the obligee has suffered no damage.' The BGB approach is then followed by stating that `an excessively high penalty is to be reduced by the Court at its discretion.'
>
> The same intermediate approach is adopted by the Italian Civil Code of 1942, which states at art. 1382 that `the penalty may be reduced if ... its amount is manifestly too high.'
>
> The new Dutch Civil Code adopts the same principle by devoting four provisions to the subject (arts. 91, 92, 93, 94)."[25]

*Jidher ghalhekk li l-ideja hi li penali eccessivi jistghu jigu riveduti u mibdula. Fil-fehma tal-Qorti din is-sistema hi dik li l-iktar taghmel sens in kwantu tizgura li irrispettivament ta' dak li jkunu ftehemu l-partijiet, ma tinholoqx il-possibilta' li jkun hemm konsegwenzi assurdi. Fil-ligi Maltija ma nsibu l-ebda provvediment li jghid li l-Qorti ghandha l-jedd li tnaqqas il-penali fejn din tirrizulta li hi* ***eccessiva****. Il-principju generali hu li l-kuntratt jirrifletti l-ftehim tal-partijiet u l-kuntratt ghandu jkun ezegwibbli. L-atturi ghamlu riferenza ghal sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili*[12] *fl-ismijiet* ***Baggit Enterprises Limied vs Jeffrey Chetcuti et*** *deciza fil-15 ta' April 2002 fejn gie osservat li l-principju hu li ftehim bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta' ligi bejniethom "…u l-ebda qorti m'ghandha tindahal fi ftehim bhal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ggibu ma jiswiex.". F'kaz deciz mill-Qorti Suprema tal-Kanada,* ***Elsey vs J.G. Collins Insurance Agencies Ltd***[13] *gie osservat: "It is now evident that the power to strike down a penalty clause is a blatant interference with freedom of contract and is designed for the sole purpose of providing relief against oppression for the party having to pay the stipulated sum. It has no place where there is no oppression.". Fix-xena lokali, fil-kawza fl-ismijiet* ***Michael Pace vs Richard Micallef proprio et nomine*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Dicembru 2004:- "….****hemm sproporzjon astronomiku bejn il-quantum ta' l-inadempjenza tal-konvenut appellant riskontrata bis-sentenza tat-2 ta' Frar 1994, u l-***

[11] Pagna 4.
[12] Imhallef Joseph R. Micallef.
[13] 7 ta' Marzu, 1978.

***quantum tal-penali likwidata fis-sentenza tal-20 ta' Marzu 1997 bhala kumpens biex taghmel tajjeb ghall-istess inadempjenza****…… Dik il-Qorti pero` injorat ghal kollox id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 993 invokata mill-appellant li tesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.* ***Din il-Qorti tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta' ekwita` kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b'agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda wkoll b'dak il-komportament li jkun ghal kollox spoporzjonat u li ma jkunx accettabli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta` u tal-logika guridika****". F'din il-kawza l-Qorti kienet irriduciet drastikament l-ammont dovut lill-attur bhala penali u osservat ukoll li: "Il-hsieb ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward hu rifless fil-massima tad-dritt komuni li ghal sekli shah iddomina l-kontinent Ewropew:* ***in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit.****"[14]. Wiehed jista' jithajjar jargumenta kontra l-ezercizzju li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fuq il-principju li: "….il-principju jibqa' l-istess, cioe' dak tal-liberta' kontrattwali bill-korollarju tieghu li l-eccezzjonijiet ghal dik il-liberta' m'ghandhomx jigu estizi lil hemm mil-limiti tal-ligi li tistabilixxi l-eccezzjoni……. l-art. 1035 tal-Kodici Civili, li jghati lill-kuntratti mghamulin skond il-ligi is-sahha tal-ligi stess, li hija l-aqwa ligi, cioe' l-ligi tal-partijiet, il-mezz u l-mizura tal-indipendenza personali taghhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistghux jig mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mgharufin mil-ligi. Kif hu risaput il-kuntratti huma wiehed mill-aqwa, jekk mhux l-aqwa, sorgenti ta' l-obbligazzjoni obbligatio est juris vinculum." (****Avukat Dr. Giuseppe Maria Camilleri vs Willam Parkey nomine*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Settembru 1973). Ir-ragument addottat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza moghtija fil-15 ta' Dicembru 2004 gie applikat ukoll fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[15] fl-ismijiet* ***Mary Rose sive Mary Falzon Sant Manduca vs Mario Grima*** *tat-8 ta' Marzu 2005[16] u tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[17] tad-19 ta' Jannar 2006 u moghtija fil-kawza* ***Angelo Bartolo nomine vs Emanuel Zammit*** *li mxew fid-direzzjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell. F'din l-ahhar kawza ghalkemm it-talba kienet ghall-hlas ta' Lm68,250 bhala penali ghad-dewmien fit-tlestija ta' appalt li kien jikkonsisti fil-bini ta' iktar sulari f'lukanda, il-Qorti rriduciet is-somma ghal Lm25,000 fuq bazi ta' arbitrio boni viri. Prof. Victor Caruana Galizia spjega li l-buona fede fit-twettiq tal-kuntratti "…. Should be the reciprocal loyalty of the parties; they should never be allowed to evade the faithful performance of the contract by deviating from* ***what their <u>intention</u> is presumed to have been at the moment the contract was concluded.****"[18].*

---

[14] Massima legali li regghet saret riferenza ghaliha mill-istess Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet **George Agius et vs Charles V. Schembri nomine et** deciza fl-14 ta' Lulju 2005 u **Lorenza Spiteri et vs George Debono et** deciza fl-10 ta' Mejju 2007.

[15] Imhallef Joseph R. Micallef.

[16] ***"B'applikazzjoni tal-massima in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jigu "ridimensjonati" jekk jirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabbli "skond in-normi stabiliti tas-socjeta' u l-logika guridika"***.

[17] Imhallef Tonio Mallia.

[18] *Notes on Civil Law*, Laws III Year (Riveduti minn Profs. J.M. Ganado), 1978 pagna 288.

*3. Minn qari tal-klawzola relattiva fil-kuntratt ta' xiri hu evidenti li l-penali giet stipulata ghas-semplici dewmien fit-twettiq ta' xoghol mill-konvenuti fil-partijiet komuni tal-blokk. Tant hu hekk li fil-klawzola jinghad espressament: "liema penali qieghda tigi stipulata ghas-semplici dewmien.". Il-principji rilevanti fir-rigward tal-materja ta' penali li jirrizultaw mill-provvedimenti tal-ligi, huma s-segwenti:-*

*(a) Penali hu ftehim volontarju li ghandha bhala wiehed mill-iskopijiet taghha li tiddiswadi lid-debitur milli jibqa' inadempjenti fit-twettiq tal-obbligazzjoni. Min-naha l-ohra jekk l-iskop ta' prevenzjoni tibqa' mhux rejalizzata, il-klawzola penali hi mezz ta' repressjoni in kwantu l-piena pattwita fil-klawzola tissanzjona il-komportament illecitu tad-debitur.*

*(b) Penali hi* ***kumpens ghall-hsara li jsofri kreditur minhabba nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni principali mid-debitur*** *(Artikolu 1120[1])*[19]*. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri)*[20] *fis-27 ta' Frar 2008 fl-ismijiet* ***Emanuel Borg vs The Two Divers Company Limited*** *gie osservat: "M' hemmx dubbju illi klawsola penali f' kuntratt* ***ghandha funzjoni essenzjalment rizarcitorja intiza biex tiffissa b' mod preventiv, u anke b' mod vinkolanti, l-ammont tad-dannu f' kaz ta' dewmien jew ta' inadempiment.*** *F' dan is-sens jinsab ritenut illi l-klawsola penali "è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l' inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazzione convenzionale" ("***Goffredo Chretien nomine et -vs- John Ciancio***", Appell Kummercjali, 13 ta' April, 1921*[21]*)". Rilevanti li jigi citat dak li l-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) kompliet tghid: "Da tale nozione deriva che natura e fine della clausola penale e' non soltanto quella di offrire al creditore un mezzo di coazione contro il debitore ma bensi di provvedere ad una liquidazione preventiva dei danni risarcibili al creditore in caso di inadempimento o ritardo. Ne deriva ancora che quando la pena adietta ad un'obbligazione principale per assicurarne l'adempimento non riveste I detti tre caratterii riuniti essa non deve essere interpretata ed applicata coi criteri e con le norme che sono propri della clausola penale, ma la sua interpretazione ed applicazione vanno regulate secondo I principii di ditto che meglio corrispondono alla natura ed al fine speciale della pena stessa.".*

*(c) Kreditur jista' jagixxi ghat-twettiq tal-obbligazzjoni principali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun inkorra d-debitur (Artikolu 1120[2]). Kreditur ma jistax jitlob il-haga principali u l-penali flimkien, hlief meta l-penali tkun giet pattwita ghad-dewmien biss (Artikolu 1120[3]).*

*(d) Id-debitur jaqa' fil-penali meta jsir hati ta' dewmien, bhal ma jinghad fl-artikolu 1130 tal-Kodici Civili (Kap. 16),* ***fis-sens li fejn l-obbligazzjoni tkun li jaghmel u jigi pattwit zmien, id-debitur jigi imqieghed in mora bl-eghluq ta' dak iz-zmien"****.*

---

[19] Ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Geraldo Vella vs Av. Dr. Joseph Fenech nomine** tal-5 ta' Ottubru 1957 (Vol. XLI.ii.1108).
[20] Imhallef P. Sciberras.
[21] Vol. XXIV.i.1110.

Din il-Qorti kkwotat estensivament minn tali sentenza ghaliex din ghamlet rassenjament tal-gurisprudenza u principji b'mod eccellenti u li din il-Qorti tistqarr li tikkondividihom pjenament.

Illi jinghad ukoll li minn ezami tad-dokument imhejji mill-istess attrici li fih hadmet il-penali li qeghda tippretendi jirrizulta li hija qeghda tippretendi hlas ta' penali sal-31 ta' Mejju 2013 b'referenza ghall-iben Nicholas meta dan sar maggorenni fis-17 ta' Jannar 2013 u skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni l-manteniment kellu jithallas sa' l-eghluq tat-tmintax-il sena. Oltre' dan Sandro Bruno kkonferma li l-minuri ma ghadux imur il-kullegg u lanqas gie ppruvat meta spicca. F'dan il-kaz huwa wkoll ovvju mid-dicitura tal-klawzola tal-penali li din giet imposta ghad-dewmien.

Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti tqis li ghandha tirriduci l-penali ghaliex hija ferm eccessiva kif fuq spjegat u ghaliex mill-provi rrizulta wkoll li l-konvenut Anthony Cassar kien hemm zmien fejn onora dawn l-obbligi tieghu u ghalhekk din il-qorti tqis li ghandha tillikwida ammont *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €25,000.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Bartolo noe vs Emanuel Zammit**[22] irriteniet li *"Fil-waqt li l-ewwel funzjoni ta' bona fide gieli issib applikazzjoni fid-decisjonijiet tal-Qrati Maltin, il-"corrective function" taghha ghad irid jigi zvillupat, ghalkemm bis-sentenza taghha aktar qabel kwotata ("Pace vs Micallef noe"), l-Onorabbli Qorti tal-Appell donnha trid taghti spinta lil din il-funzjoni tal-bona fide. Ta' min josserva wkoll li l-principju ta' "abuse of rights" mhux aljen ghall-ordinament guridiku Malti – ara "Cauchi vs Byers", deciza mill- Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1995, "Attard vs Xuereb", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1993, u "Saliba vs Cassar", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn dan il-principju gie accettat fuq l-iskorta tal-gurista taljan, Fadda."*

Illi dwar l-allegazzjoni tal-konvenuti li fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu d-dejn gie mizjud b'mod goff u dan l-ammont jikkostitwixxi uzura ghaliex l-attrici hadet aktar mill-ammont maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni u l-interessi legali dovut fuq il-kapital, din il-Qorti tqis li ghandu japplika l-principju ta' pacta sunt servanda ghaliex provi dwar tali allegazzjoni ma ngabux.

Illi dwar l-argument tal-attrici li l-kuntratt ta' separazzjoni gie awtorizzat mill-Qorti w allura jsegwi li anki l-penali giet awtorizzata din il-qorti tqis li l-artikolu 488 tal-Kap12 ma jipprekludihix milli tirriduci l-penali tenendo kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

[22] Cit Nru: 6/1994TM deciza fid-19 ta' Jannar, 2006

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenuti, taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti naqsu milli jwettqu l-obbligi kuntrattwali taghhom fil-konfront ta′ l-attrici skont il-kuntatt ta′ separazzjoni ta′ nhar il-21 ta′ Novembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi u skond il-kuntratt ta′ transazzjoni u kostituzzjoni ta′ debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Schembri;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma responsabbli li jhallsu lill-attrici l-ispejjez ta′ l-edukazzjoni u manteniment, tillikwida l-ammont rapprezentanti l-ispejjez ta′ l-edukazzjoni u manteniment illi huma dovuti lill-attrici fl-ammont ta′ tmint elef hames mija u hamsin euro (€8550) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata lill-attrici bl-imghax legali millum;

6. Tiddikjara u tiddeciedi illi stante n-nuqqas tal-konvenuti milli jwettqu l-obbligi kuntrattwali taghhom fil-konfront ta′ l-esponenti skont il-kuntatt ta′ separazzjoni ta′ nhar il-21 ta′ Novembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi u skond il-kuntratt ta′ transazzjoni u kostituzzjoni ta′ debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Schembri hija dovuta penali ta′ hamsa u ghoxrin elf Euro (€ 25,000);

7. Tillikwida l-ammont ta′ hamsa u ghoxrin elf Euro (€ 25,000) bhala penali dovuta mill-konvenuti lill-attrici;

8. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez ikunu inkwantu ghal ghaxra fil-mija (10%)[23] a karigu tal-attrici u l-kumplament a karigu tal-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[23] Dan in vista li t-talba ta' l-attrici ghall-applikazzjoni ta' penali ta' €1,000 kuljum ghal kull inadempjenza ma ntlaqghetx